MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**

**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru. 876/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nicola Mc Harg ta’ 34 sena, bint Gordon u Nathalie xebba Gauci, imwieleda San Giljan nhar is-6 ta’ Lulju, 1979 u residenti 111, Josden, Flat 2, il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 436279M.

Talli;

B'diversi atti maghmula, ukoll jekk fi zmien differenti u jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fi granet differenti fix-xahar ta' Awissu, 2013, F'Birzebbugia;

1) Zammet bil-forza, hlief bl-Awtorita' ta' dan l-att jew b'konformita` ma` ordni moghtija mill-Awtorita' jew minn Qorti jew Tribunal kompetenti, xi oggetti postali waqt li dan ikun qieghed jitwassal bil-posta, jew lil xi ufficjal ta' operator postali jew xi vettura l tkun qieghda ggor xkejjer tal-valigga jew oggetti postali, jew ghal xi raguni tkun li tkun tiftah xkorta tla-valigga waqt li din tkun qed titwassal bil-posta jew tonqos milli tergga lura xi oggett postali lil operator postali;

2) U aktar talli fethet b'ghemil doluz jew geghlet li jinfetah xi oggett postali li kellu jigi kkunsinajat, jew b'ghemil doluz taghmel xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oggett postali, ma tithalliex issir jew tigi mdewwma milli ssir, jew tikkomunika jew taghmel uzu minn informazzjoni li tikseb minn oggett postali li jkun gie hekk miftuh;

3) U aktar talli ikkommettiet serq ta’ flus kontanti €55 ghad-dannu ta’ Alfred Borg u/jew persuni ohra;

Barra minn dan, Nicola Mc Harg hija akkuzata ukoll talli rendiet ruhha recidiva b’diversi sentenzi mogthija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputata hallset lura l-flus misruqa minnha;

Rat illi l-imputata fil-present qeghdha tiskonta sentenza ta' prigunerija, fejn qed taghmel programm residenzjali ghall-kura mid-dipendenza fuq id-droga;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 8 u 284 tal- Kapitolu 9 u Artikolu 62(g) u (h) tal- Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssibb lill-istess imputata Nicola Mc Harg hatja skond l-akkuzi dettota kontra taghha u ghaldaqstant qieghda tordna li titqieghed taht ordni ta' 'probation' ghall-perijodu ta' tlitt (3) snin, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------